

Brussell, 10 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9786/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0168(NLE)

MI 443
ECO 48
ENT 77
UNECE 10

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9645/22 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' proposti għall-modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 12, 13, 13-H, 22, 24, 48, 49, 51, 53, 54, 74, 79, 85, 86, 90, 100, 106, 109, 117, 127, 129, 131, 135, 136, 137, 141, 145, 148, 149, 150, 157 u 162, dwar proposta għal modifiki għar-regolament tekniku globali (GTR) tan-NU Nru 2, dwar proposta għal regolament ġdid tan-NU dwar it-twissija tar-rivers, dwar proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-apparati għall-kontroll tat-tniġġis għal vetturi b'żewġ roti u bi tliet roti, dwar proposta għal risoluzzjoni konsolidata ġdida dwar il-kejl tan-numru ta' partikuli ultrafini għal magni heavy duty, u dwar proposta għal awtorizzazzjoni biex tiġi żviluppata l-emenda 4 għall-GTR tan-NU Nru 3 - Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' proposta msemmija hawn fuq.

2. Fis-16 ta' Mejju 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) kellu skambju ta' fehmiet dwar l-abbozz ta' proposta tal-Kummissjoni. Il-proposta ġiet ippreżentata formalment u eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) fl-1 ta' Ġunju 2022, wara l-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2022.
3. F'din il-laqgħa tal-1 ta' Ġunju, il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) iddeċieda li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi emendata sabiex jitqiesu żewġ dokumenti relatati mar-Regolamenti tan-NU Nru 51 u Nru 157 li ma kinux fuq l-aġenda tas-sessjoni tad-WP.29 ta' Mejju 2022 meta l-Kummissjoni nediet il-proċess tal-adozzjoni tal-proposta tagħha, kif ukoll dokument dwar il-linji gwida għall-validazzjoni ta' sistemi ta' sewqan awtomatizzati. L-ebda delegazzjoni ma oġġezzjonat għall-dawn l-emendi.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden:
 - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-Grupp ta' Ħidma,
 - jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 9649/22 wara li jiġi finalizzat mill-ġuristi lingwisti.
5. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.